TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 413/09

**Jane Calleja**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Settembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' disa' mija u sittin ewro (€960), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* li nxtara fis-7 ta' Jannar 2009, li peress li għandu s-sadid u *corrosion* u l-materjal mhux *stainless steel,* u għalhekk qegħda titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *solar water heater* għal prezz ta' disa' mija u *sittin ewro* (€960) mingħand is-soċjeta' intimata, pero' dan is-*solar water heater* beda joħroġ is-sadid u beda jikkawża problemi oħrajn.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet verbalment li dan is-*solar water heater* għandu jintuża tajjeb u li qed jiġri mhux tort tas-soċjeta' intimata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota illi fid-9 ta' Marzu 2010, il-partijiet waslu fi ftehim fejn l-intimat kellu jibdel il-frame, is-sensor, il-computer u t-tank, u li fil-fatt hekk ġara. Pero' r-rikorrenti reġgħet ilmentat li dan mhux qed isaħħan.

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata bidlet diversi komponenti mis-*solar water heater* u ġie jiffunzjona tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**